# DUN MIKIEL XERRI

*(Innu li tkanta Ħaż-Żebbuġ fit-Tifkira l-Kbira ta' Dun Mikiel Xerri għeluq il-mitejn sena mit-twelid tiegħu 1737-1937.)*

Raħal xemxi, Belt is-saħħa,
ħoll ilsienek f'dan il-jum;
għanni Ġrajja li fi ġmielha
kemm idum iż-żmien iddum.

Mitejn sena ġew u marru,
qerdu saħħa, qerdu ġmiel,
iżda siekta baxxew rashom
quddiem Raġel: Dun Mikiel.

Dun Mikiel—il-Bniedem t'Alla,
Dun Mikiel,—Qalb ta' l-azzar,
Malti sħiħ li xejn ma kisru
la theddid, la ż'għil, la nar.

Taħt is-swar tal-Belt imħaxkna
kienu ħiemda miġburin,
—Tama f'Alla, nar f'sidirhom—
sabiex jirbħu l-Qalbenin.

Kliem li tlissen lill-egħdewwa
tal-konfeffa ta xi ħjiel....
Mietu bosta; l-aħħar wieħed
bħal Sansun miet Dun Mikiel.

Dun Mikiel eċċ.

Żebbuġin, tiċħdux lil demmkom;
kontu dejjem ta' quddiem:
kellkom hena u ġid fi djarkom,
kellkom għaqal, riżq u sliem.

Fit-taqbid mal-Qerq, mal-Ħiena,
tinsew qatt li tkunu rġiel;
f'nofs il-Misraħ għadu jħammar
safi d-demm ta' Dun Mikiel.

Dun Mikiel eċċ.

DUN KARM

7 - VIII - 37.